MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2014

Numru 984/2014

**Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Marisa Bonnici**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Marisa Bonnici bint Benedict u Maria Concetta nee' Farrugia, imwielda Pieta' fis-6 ta' Dicembru, 1968,

residenti fil-fond numru 15 Triq San Lawrenz Birgu u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8169(M)

Akkuzata talli nhar l-1 t' Ottubru, 2014 bejn it-tmienja ta' filghodu u l-ghaxra ta' filghodu (08:00hrs – 10:00hrs) gewwa l-'Main Guard' li tinsab f' Misrah San Gorg, Belt Valletta:

1. Ikkommettiet serq ta' telefon cellulari tal-ghamla 'Samsung' liema serq huwa kwalifikat bil-persuna u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Nadya Bezzina.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 10 t' Ottubru, 2014 (esebit a fol. 10 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-17 ta' Novembru, 2014 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-

Qorti wissietha b’ mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u tatha zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietha t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghha.

Semghet is-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputata, il-Qorti tiddikjara li ma’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li ghandha fedina penali netta, ir-resfurtiva giet ritornata lura lill-vittma u li kkoperat mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessa u b’ applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor sa zmien tmintax (18) –il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------